MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1361/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Buttiegieg Yose et**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentata fl-24 ta' Gunju, 2005 in forza ta' liema s-socjeta` attrici talbet lill - konvenuti flimien solidament bejniethom ghandhom ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' disgha mija u tnejn u hamsin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm952.47) jidher li huwa dovut minnhom skond id-dokumenti esebiti ma' l-istess avviz minn fol 2 sa fol 22 tal-process;

Ra li l-konvenuti ghalkemm legalment notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghal din l-istess talba.

Ra u ezamina d-dokumenti esebiti;

Semgha d-dikjarazzjoni solenni tal-avukat Dr Keith Grech in rapprezentanza tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsengwentament jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta' disgha mija u tnejn u hamsin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm952.47) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu ta' l-istess konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------